Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 2 ta' Marzu 2018**
**(OR. en)**

**6746/1/18**
**REV 1**

**PUBLIC 7**
**INF 29**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - NOVEMBRU 2017 |

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Novembru 2017.[1][2]

Huwa jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-riżultati tal-votazzjoni u, jekk ikun il-każ, spjegazzjonijiet tal-vot u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

[1] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, appuntamenti, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti minn ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

[2] Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati fil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmilhom pubbliċi.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:
Sommarji ta' kull xahar tal-Atti tal-Kunsill (atti) - Consilium

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill: Minuti tal-Kunsill - Consilium

| INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'NOVEMBRU 2017 | |
|---|---|
| **It-3571 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD), li saret fi Brussell fis-6 ta' Novembru 2017** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2104 tas-6 ta'Novembru 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Grupp ta' Ħidma dwar Standards ta' Kwalità Agrikoli tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE-WP.7) fir-rigward ta' proposti dwar standards ta' kwalità għal frott u ħaxix<br>ĠU L 303, 18.11.2017, p. 1-5 | 13234/17 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Identifikatur Ewropew tal-Leġislazzjoni (ELI) | 14172/17 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Iżlanda tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi | 13351/17 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 dwar l-applikazzjoni minn Franza tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi | 13355/17 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni li tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 tal-Kroazja bl-għan li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-leġislazzjoni dwar l-armi tan-nar | 13359/17 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 tal-Awstrija dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli fil-fruntieri fil-fruntiera interna mal-Ungerija u l-assenza ta' kontrolli fil-fruntieri fil-fruntiera interna mal-Italja | 13367/17 |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2083 tas-6 ta' Novembru 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Antigua u Barbuda li jemenda l-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u Antigua u Barbuda dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir<br>ĠU L 297, 15.11.2017, p. 1-2 | 12381/17 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2085 tas-6 ta' Novembru 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Commonwealth tal-Bahamas li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Commonwealth tal-Bahamas dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir<br>ĠU L 297, 15.11.2017, p. 5-6 | 12387/17 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2084 tas-6 ta' Novembru 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Barbados li jemenda l-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u Barbados dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir<br>ĠU L 297, 15.11.2017, p. 3-4 | 12384/17 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2087 tas-6 ta' Novembru 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir<br>ĠU L 297, 15.11.2017, p. 9-10 | 12394/17 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UEU) 2017/2088 tas-6 ta' Novembru 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir<br>ĠU L 297, 15.11.2017, p. 11-12 | 12397/17 |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UEU) 2017/2086 tas-6 ta' Novembru 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir<br>ĠU L 297, 15.11.2017, p. 7-8 | 12390/17 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UEU) 2017/2060 tas-6 ta' Novembru 2017 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tat-Tielet Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 295, 14.11.2017, p. 1-2 | 6750/17 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2422 tas-6 ta' Novembru 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra fir-rigward tal-adozzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia<br>ĠU L 343, 22.12.2017, p. 64-66 | 9914/17 |
| Pożizzjoni Komuni tal-Unjoni Ewropea dwar it-Tieni Laqgħa tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE-l-Kosovo* (Brussell, 17 ta' Novembru 2017)<br>** Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi ma ' UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.* | 13020/17 |

| It-3572 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI), li saret fi Brussell fis-7 ta' Novembru 2017 | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni (UE) 2017/2192 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 2016 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni mill-Italja - EGF/2017/004 IT/Almaviva<br>ĠU L 310, 25.11.2017, p. 47-48 | 13276/17 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament għall-Ġlieda kontra t-Tibdil fil-Klima | 14148/17 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2012 tas-7 ta' Novembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/232/UE li tawtorizza lir-Rumanija biex tapplika miżura ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u mill-Artikoli 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 292, 10.11.2017, p. 57-58 | 12967/17 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2013 tas-7 ta' Novembru 2017 li tawtorizza lir-Renju tan-Netherlands jintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 292, 10.11.2017, p. 59-60 | 12968/17 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Triq 'il quddiem fl-Iżvilupp ta' Sistemi tal-IT Doganali | 13543/17 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istatistika tal-UE | 14011/17 |

| **Proċedura bil-miktub konkluża fit-8 ta' Novembru 2017** | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2008 tat-8 ta' Novembru 2017 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja<br>ĠU L 290, 9.11.2017, p. 22-23 | 13930/17 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2007 tat-8 ta' Novembru 2017 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż it-tielet ħlas parzjali għall-2017<br>ĠU L 290, 9.11.2017, p. 19-21 | 13574/17 |

| **It-3573 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN/KUMMERĊ), li saret fi Brussell fl-10 ta' Novembru 2017** | | | |
|---|---|---|---|
| ATTI LEĠISLATTIVI | | | |
| ATT | DOKUMENT | REGOLA TAL-VOT | VOTI |
| Regolament (UE) 2017/2101 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1920/2006 rigward l-iskambju ta' informazzjoni dwar, u sistema ta' twissija bikrija u proċedura ta' valutazzjoni tar-riskju għal, sustanzi psikoattivi ġodda<br>ĠU L 305, 21.11.2017, p. 1-7 | 26/17 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament (UE) 2017/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd<br>ĠU L 302, 17.11.2017, p. 1-2 | 48/17 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni mill-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, in-Netherlands, il-Portugall, is-Slovenja u Spanja**<br>L-Istati Membri li ġejjin: Il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, in-Netherlands, il-Portugall, is-Slovenja u Spanja jirrikonoxxu li din l-emenda għandha l-għan li tikkjarifika r-Regolament 1380/2013. Din l-emenda tirrestrinġi l-estensjoni ta' pjanijiet għall-iskartar għal tliet snin biss, filwaqt li dawn l-Istati Membri jixtiequ li jkollhom possibbiltà ta' estensjoni itwal. Minħabba limiti taż-żmien l-Istati Membri ddeċidew li jappoġġaw il-proposta tal-Kummissjoni. | | | |

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2105 tal-10 ta' Novembru 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Kummerċjali rigward l-emenda tal-Anness XII tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, li jistabbilixxi l-lista ta' entitajiet tal-akkwist Kolombjani f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Titolu VI ('Akkwist Pubbliku tal-Gvern')<br>ĠU L 303, 18.11.2017, p. 6-9 | 13045/17 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-faċilità tal-Unjoni li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 | 14201/17 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa fir-rigward tal-proposti għall-emendi tar-Regolamenti tan-NU Nri 12, 14, 16, 17, 43, 44, 46, 48, 49, 110, 121, 129 u 134, tar-Regolamenti Tekniċi Globali tan-NU Nri 6 u 15, tar-Regoli ta' Proċedura tal-WP.29 u tal-Linji Gwida Ġenerali għall-proċeduri regolatorji u d-dispożizzjonijiet tranżitorji tan-NU fir-Regolamenti tan-NU, u fir-rigward tal-proposti għal tliet Regolamenti ġodda tan-NU, Regolament Tekniku Globali tan-NU ġdid u proposta għal Riżoluzzjoni Reċiproka ġdida | 13191/17 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2240 tal-10 ta' Novembru 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom<br>ĠU L 322, 7.12.2017, p. 1-2 | 13074/17 |
| Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom<br>ĠU L 322, 7.12.2017, p. 3-26 | 13073/17 |

**It-3575 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI ), li saret fi Brussell fil-15 ta' Novembru 2017**

ATTI LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT | REGOLA TAL-VOT | VOTI |
|---|---|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2152 tal-15 ta' Novembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 189/2014/UE li tawtorizza lil Franza tapplika rata mnaqqsa ta' ċerti taxxi indiretti fuq ir-rum "tradizzjonali" prodott fi Guadeloupe, fil-Guyana Franċiża, f'Martinique u f'Réunion<br>ĠU L 304, 21.11.2017, p. 1-2 | 13338/17 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
|---|---|
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Sinerġiji u Simplifikazzjoni għall-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020" | 14263/17 |
| Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2170 tal-15 ta' Novembru 2017 li tissoġġetta lill-N-fenil-N-[1-(2-feniletil)piperidin-4-il]furan-2-karbossammid (furanilfentanil) għal miżuri ta' kontroll<br>ĠU L 306, 22.11.2017, p. 19-20 | 11212/17 |

**It-3577 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ, KULTURA U SPORT), li saret fi Brussell fl-20 u l-21 ta' Novembru 2017**

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ fir-rigward ta' ċerti kwistjonijiet li jikkonċernaw il-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u Żebbuġ tal-Mejda, 2015 | 13778/17 |

| | |
|---|---|
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 7/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat: "Ir-rwol il-ġdid tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni f'dak li jirrigwarda l-infiq taħt il-PAK: pass pożittiv lejn mudell ta' awditu uniku iżda hemm dgħufijiet sinifikanti li jridu jiġu indirizzati" | 14658/17 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/104 tal-20 ta' Novembru 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Armenja, fuq in-naħa l-oħra<br>ĠU L 23, 26.1.2018, p. 1-3 | 12542/17 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Armenja, fuq in-naħa l-oħra | 12543/17 |
| Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra<br>ĠU L 23, 26.1.2018, p. 4-466 | 12548/17 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-konklużjoni mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Armenja, fuq in-naħa l-oħra | 12547/17 |

**Dikjarazzjoni mill-Portugall**

Abbażi tar-rispett tal-kompetenzi allokati bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, kif definit fit-Trattati, id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-applikazzjoni proviżorja, mill-UE, tal-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-UE u l-Aġenzija Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom u r-Repubblika tal-Armenja ma għandhiex taffettwa l-awtonomija tad-deċiżjoni tal-Portugall dwar il-kwistjonijiet ta' kompetenza nazzjonali tiegħu, li d-deċiżjoni tiegħu li jkun marbut mill-Ftehim tiddependi fuq il-konklużjoni tal-proċeduri interni ta' ratifika, f'konformità mal-prinċipji u r-regoli Kostituzzjonali.

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2161 tal-20 ta' Novembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine)<br>ĠU L 304, 21.11.2017, p. 48-49 | 13534/17 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2163 tal-20 ta' Novembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<br>ĠU L 304, 21.11.2017, p. 51-52 | 13788/17 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2153 tal-20 ta' Novembru 2017 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<br>ĠU L 304, 21.11.2017, p. 3-5 | 13791/17 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2162 tal-20 ta' Novembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2013/233/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya)<br>ĠU L 304, 21.11.2017, p. 50-50 | 13536/17 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħidma intelliġenti fost iż-żgħażagħ<br>ĠU C 418, 7.12.2017, p. 2-5 | 14205/17 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-iskejjel u t-tagħlim eċċellenti<br>ĠU C 421, 8.12.2017, p. 2-6 | 14206/17 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar aġenda mġedda tal-UE għall-edukazzjoni għolja<br>ĠU C 429, 14.12.2017, p. 3-7 | 14207/17 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2017 dwar it-traċċar tal-gradwati (Test b'rilevanza għaż-ŻEE. )<br>ĠU C 423, 9.12.2017, p. 1-4 | 13361/17 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-aċċess għall-kultura permezz ta' mezzi diġitali b'fokus fuq l-iżvilupp tal-udjenza<br>ĠU C 425, 12.12.2017, p. 4-6 | 14209/17 |

<table>
<tr><td colspan="2">Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fil-Kunsill, dwar ir-rwol tal-kowċis fis-soċjetà<br>ĠU C 423, 9.12.2017, p. 6-10</td><td colspan="2">14210/17</td></tr>
<tr><td colspan="2">Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-iżvilupp ulterjuri tad-Djalogu Strutturat tal-UE dwar l-isport<br>ĠU C 425, 12.12.2017, p. 1-2</td><td colspan="2">13432/17</td></tr>
<tr><td colspan="4">It-3578 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ġenerali), li saret fi Brussell fl-20 ta' Novembru 2017</td></tr>
<tr><td colspan="4">ATTI LEĠISLATTIVI</td></tr>
<tr><td>ATT</td><td>DOKUMENT</td><td>REGOLA TAL-VOT</td><td>VOTI</td></tr>
<tr><td>Regolament (UE) 2017/2225 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-30 ta' Novembru 2017 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 2016/399 fir-rigward tal-użu tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ<br>ĠU L 327, 9.12.2017, p. 1-19</td><td>46/17</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur; minbarra:<br>Mhux qed jipparteċipaw: DK, IE, UK</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni<br>Ir-Regolament li jistabbilixxi s-Sistema ta' Dħul u l-Ħruġ huwa konsistenti mal-Iskema ta' Transitu ta' Kaliningrad prevista fir-Regolament 693/2003[1] kif imfassla bħalissa.<br>Il-Kummissjoni ser tiżgura l-konsistenza leġislattiva bejn dawn l-atti legali f'każ li l-Iskema ta' Transitu ta' Kaliningrad tiġi emendata fil-futur.<br>[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 693/2003 tal-14 ta' April 2003 li jistabbilixxi Dokument speċifiku ta' Transitu Faċilitat (FTD), Dokument ta' Transitu Faċilitat bil-Ferroviji (FRTD) u jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Ktieb tal-Istruzzjonijiet Komuni, ĠU L99, 17.04.2003, p. 8.</td></tr>
</table>

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Awstrija**<br>L-Awstrija tapprezza l-isforzi intensi tal-Presidenza Estonjana biex jintlaħaq kunsens wiesa' fost l-Istati Membri dwar din il-kwistjoni importanti.<br>Madankollu, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għad ma għandhomx biżżejjed awtorizzazzjoni biex jaċċessaw id-data għall-identifikazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu wettqu reat, jew saħansitra gruppi oħra ta' persuni. Huwa ttamat li tista' tinstab soluzzjoni għal din il-problema permezz tal-interoperabilità.<br>Fl-interess ta' kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet tal-asil fl-Istati Membri, kien ikun preferibbli wkoll li dawk l-awtoritajiet ikollhom aċċess għas-sistema tad-dħul-ħruġ. Huwa essenzjali li għodda bħall-EES - li l-iżvilupp tagħha ħa ħafna ħin u kien jinvolvi riżorsi finanzjarji u umani konsiderevoli - tkun tista' tintuża b'mod effettiv. L-aċċess għall-EES mill-awtoritajiet tal-asil biex jidentifikaw ċittadini ta' pajjiżi terzi b'mod preċiż, bil-għan li jħaffu l-proċedimenti u għar-ritorni furzati, kienet tkun tikkostitwixxi parti kbira tal-valur miżjud tal-EES. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kroazja**<br>Ir-Repubblika tal-Kroazja tappoġġa l-għan ta' dan ir-Regolament minħabba li dan għandu jikkontribwixxi għat-tisħiħ u ż-żamma ta' sitwazzjoni tas-sigurtà favorevoli fit-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea, li huwa prerekwiżit għal, fost l-oħrajn, il-kontroll aħjar u aktar operattiv tal-fruntieri esterni.<br>Dan l-għan għandu jitqies bħala l-ogħla interess taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja tqis li huwa inaċċettabbli li dan ir-Regolament, sa mill-bidu nett tal-applikazzjoni operattiva tiegħu, ma jkunx japplika fuq il-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea, biex b'hekk bla bżonn u mingħajr ebda bażi jonqos l-effett tiegħu. Għandu jkun enfasizzat li bid-dħul fis-seħħ ta' din il-Proposta għal Regolament, id-dispożizzjoni eżistenti tal-Artikolu 6(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (SBC) u d-dispożizzjonijiet eżistenti tat-Trattat tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja bħala parti integrali tal-acquis communautaire ser jiġu sospiżi temporanjament. Ir-Repubblika tal-Kroazja tixtieq tiġbed l-attenzjoni li, taħt it-titolu stess tal-Proposta għal Regolament, il-Kummissjoni Ewropea pprevediet l-implimentazzjoni tar-Regolament preċiżament fuq il-fruntieri esterni tal-Unjoni u b'hekk it-trattament ugwali tal-Istati Membri kollha.<br>Li r-Regolament ma jiġix applikat b'mod ugwali għall-membri sħaħ ta' Schengen u għal dawk li waslu biex isiru membri sħaħ, inkluż ir-Repubblika tal-Kroazja, irendi l-għan ta' dan ir-Regolament sekondarju, u minbarra li jhedded is-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea u l-ġlieda effiċjenti kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja, jibgħat ukoll messaġġ negattiv lill-pubbliku Ewropew inġenerali.<br>Mill-aspett operazzjonali, li dan ir-Regolament ma jiġix applikat b'mod ugwali ikun ifisser li, minħabba n-nuqqas ta' aċċess għall-VIS permezz tal-EES, ikun impossibbli li jiġi rreġistrat it-tul tas-soġġorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fuq soġġorn qasir fl-UE, u għalhekk impossibbli li tiġi verifikata l-validità ta' viża ta' Schengen. Billi r-Repubblika tal-Kroazja tirrikonoxxi din il-viża bħala ekwivalenti għal viżi Kroati, u minħabba n-nuqqas ta' aċċess tagħha għall-VIS permezz tal-EES, hija tista' tippermetti d-dħul fit-territorju tal-Istat tagħha lil detentur ta' viża mhux valida li jkun qed jivvjaġġa lejn pajjiż taż-żona Schengen. Dan barra minn hekk iqajjem il-kwistjoni dwar l-Istat Membru li jkun responsabbli għall-ispejjeż tar-ritorn ta' tali persuni. |

<table>
<tr><td colspan="4">Barra minn hekk, in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-Repubblika tal-Kroazja jkun ifisser nuqqas ta' aċċess għal data operazzjonali oħra dwar persuni li jaqsmu l-fruntiera esterna tal-Unjoni Ewropea u l-fruntiera ta' Schengen ta' spiss, inkluż terroristi potenzjali u persuni suspettużi oħra f'termini ta' sigurtà.<br><br>Tali applikazzjoni mhux uniformi tista' tbiddel id-direzzjoni tal-moviment ta' persuni li huma ta' theddida għas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea lejn dawk il-fruntieri fejn din is-sistema ma tiġix applikata. Fir-rigward tar-Repubblika tal-Kroazja, dan ikun ifisser bidla ta' direzzjoni għal madwar 1350 km mill-fruntiera esterna tal-Unjoni Ewropea, b'kont meħud ukoll tal-pajjiżi terzi fejn hemm it-tendenza ta' aktar intolleranza, radikaliżmu u estremiżmu vjolenti, imrawma wkoll mill-fenomenu tal-ġellieda terroristi barranin li jirritornaw minn żoni ta' gwerra lejn pajjiżhom, li wkoll iżid ir-riskju ta' terroriżmu għar-Repubblika tal-Kroazja.<br><br>Barra minn hekk, l-applikazzjoni mhux ugwali ta' dan ir-Regolament ikollha wkoll implikazzjonijiet serji għall-fluss tat-traffiku transfruntier billi minbarra l-verifiki sistematiċi li ġew introdotti, aktar ħin ikun meħtieġ għall-ipproċessar manwali minflok dak awtomatizzat tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, u b'hekk tiddgħajjef l-adegwatezza tat-tfassil tal-profili ta' sigurtà tal-passiġġieri mill-gwardji tal-fruntiera.<br><br>B'kont meħud ta' dan kollu li ngħad hawn fuq, bħala Stat Membru bi fruntiera esterna twila, ir-Repubblika tal-Kroazja hija interessata immens li ssib mod biex dan ir-Regolament jiġi applikat fuq il-fruntieri esterni kollha tal-Unjoni Ewropea sa mill-adozzjoni tiegħu, u b'hekk jiġi ottimizzat l-għan proprju tar-Regolament.</td></tr>
<tr><td>Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011<br>ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20-82</td><td>47/17</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur; minbarra:<br>Mhux qed jipparteċipaw: DK, IE, UK</td></tr>
</table>

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni**<br><br>Għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-frodi tal-identità, l-identifikazzjoni preċiża ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u l-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-applikanti, il-Kunsill u l-Kummissjoni jisħqu fuq l-importanza tal-abilitazzjoni tal-aċċess dirett mill-awtoritajiet tal-asil rigward id-data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi maħżuna fl-EES meta jeżaminaw applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali u jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' tali applikazzjonijiet.<br><br>Għal din ir-raġuni, iż-żewġ istituzzjonijiet jaqblu li għandha tiġi introdotta dispożizzjoni legali sabiex jiġi żgurat l-aċċess dirett mill-awtoritajiet tal-asil għall-EES fl-istrumenti rilevanti tal-pakkett dwar l-asil u f'leġislazzjoni rilevanti oħra possibbli, b'mod partikolari l-proposta dwar ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil u r-Regolament ta' Dublin diskussi bħalissa fil-korpi tal-Kunsill, jew f'inizjattiva leġislattiva futura dwar l-interoperabbiltà. F'dan il-kuntest, għandha tiġi kkunsidrata s-sitwazzjoni speċifika tal-istati assoċjati ta' Schengen u ta' Dublin. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br><br>Ir-Regolament li jistabbilixxi s-Sistema ta' Dħul u l-Ħruġ huwa konsistenti mal-Iskema ta' Transitu ta' Kaliningrad prevista fir-Regolament 693/2003 (1) kif imfassla bħalissa.<br><br>Il-Kummissjoni ser tiżgura l-konsistenza leġislattiva bejn dawn l-atti legali f'każ li l-Iskema ta' Transitu ta' Kaliningrad tiġi emendata fil-futur.<br><br>(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 693/2003 tal-14 ta' April 2003 li jistabbilixxi Dokument speċifiku ta' Transitu Faċilitat (FTD), Dokument ta' Transitu Faċilitat bil-Ferroviji (FRTD) u jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Ktieb tal-Istruzzjonijiet Komuni, ĠU L99, 17.04.2003, p. 8. |
| **Dikjarazzjoni mill-Awstrija**<br><br>L-Awstrija tapprezza l-isforzi intensi tal-Presidenza Estonjana biex jintlaħaq kunsens wiesa' fost l-Istati Membri dwar din il-kwistjoni importanti.<br><br>Madankollu, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għad ma għandhomx biżżejjed awtorizzazzjoni biex jaċċessaw id-data għall-identifikazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu wettqu reat, jew saħansitra gruppi oħra ta' persuni. Huwa ttamat li tista' tinstab soluzzjoni għal din il-problema permezz tal-interoperabilità.<br><br>Fl-interess ta' kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet tal-asil fl-Istati Membri, kien ikun preferibbli wkoll li dawk l-awtoritajiet ikollhom aċċess għas-sistema tad-dħul-ħruġ. Huwa essenzjali li għodda bħall-EES - li l-iżvilupp tagħha ħa ħafna ħin u kien jinvolvi riżorsi finanzjarji u umani konsiderevoli - tkun tista' tintuża b'mod effettiv. L-aċċess għall-EES mill-awtoritajiet tal-asil biex jidentifikaw ċittadini ta' pajjiżi terzi b'mod preċiż, bil-għan li jħaffu l-proċedimenti u għar-ritorni furzati, kienet tkun tikkostitwixxi parti kbira tal-valur miżjud tal-EES. |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Belġju**<br>Il-Belġju dejjem appoġġa l-mira ġenerali li titkompla l-ħidma fuq l-iżvilupp tal-istrateġija għal ġestjoni integrata tal-fruntieri tal-UE, inkluż użu aħjar tat-teknoloġiji moderni biex itejbu l-ġestjoni tal-kontrolli fuq il-fruntiera. L-istabbiliment tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ ser jikkontribwixxi biex titjieb l-effiċjenza tal-kontroll fuq il-fruntiera, billi jiġi ffaċilitat il-qsim tal-fruntieri tal-maġġoranza ta' vjaġġaturi waqt li fl-istess ħin, tissaħħaħ is-sigurtà tal-fruntiera.<br>Għalhekk nilqgħu il-qbil dwar il-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 767/2008 u r-Regolament (UE) Nru 1077/2011.<br>Is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ tipprevedi wkoll kalkulatur awtomatizzat uniku li jindika t-tul massimu awtorizzat ta' soġġorn fl-Istati Membri li joperaw l-EES. Dan ser ibiddel b'mod sinifikanti l-mod li bih twettaq s'issa l-kalkolu ta' soġġorn awtorizzat. Id-dispożizzjonijiet attwali tal-acquis ta' Schengen li huma rilevanti għall-kalkolu tas-soġġorn awtorizzat jagħtu indikazzjonijiet oħra dwar il-mod li bih għandu jiġi kkalkulat is-soġġorn awtorizzat.<br>Sabiex ikun hemm approċċ koerenti dwar il-kalkolu tas-soġġorn awtorizzat, il-Belġju jixtieq jappella lill-Kummissjoni Ewropea biex teżamina d-dispożizzjonijiet kollha relatati mal-acquis ta' Schengen u tipproponi emendi fejn meħtieġ. B'dak il-mod, qafas legali koerenti u ċar jista' jiġi żgurat mill-mument li s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ tidħol fis-seħħ. |
| **Dikjarazzjoni mis-Slovenja**<br>Ir-Repubblika tas-Slovenja tappoġġa b'mod sħiħ l-isforzi biex jissaħħaħ il-kontroll fuq il-fruntieri esterni tal-UE, inkluż l-istabbiliment ta' sistema ta' Dħul/Ħruġ, li huwa konsistenti mar-rekwiżiti tal-Kunsill Ewropew u diversi dokumenti strateġiċi tal-UE.<br>Il-mira tas-sistema, jiġifieri li jittejjeb il-kontroll fuq min ikun fit-territorju tal-Istati Membri, ilha approvata sa mill-2008, matul il-Presidenza Slovena, meta l-ministri tal-Istati Membri pproponew lill-Kummissjoni, għall-ewwel darba, li titħejja proposta għal tali sistema.<br>Għal din ir-raġuni jiddispjaċina li l-proposta tar-Regolament ma taħdimx kompletament lejn din il-mira peress li tirrestrinġi l-użu tas-sistema għaż-żona Schengen, li għal darb' oħra tagħmel distinzjoni bejn il-fruntieri esterni u l-fruntieri interni tal-UE, li għalihom għadhom ma ġewx adottati deċiżjonijiet li jabolixxu l-kontrolli. Din id-distinzjoni mhux biss hija legali iżda ser ikollha wkoll implikazzjonijiet prattiċi peress li s-sistema ser ikollha effett sproporzjonat fuq il-fluss ta' traffiku fil-punti ta' qsim tal-fruntiera tal-art fejn ser titwettaq, u għalhekk anki f'ċerti fruntieri bejn l-Istati Membri tal-UE. |

| |
|---|
| Nixtiequ nindikaw li l-infrastruttura fil-punti ta' qsim tal-fruntiera fil-fruntiera tal-art esterna ta' Schengen fir-Repubblika tas-Slovenja ġiet adattata għall-obbligi fil-mument tad-dħul fiż-żona Schengen. Bi traffiku li dejjem qed jiżdied f'din il-fruntiera, reġim ta' kontroll mibdul minħabba kontrolli sistematiċi tal-passiġġieri kollha u l-użu obbligatorju ta' għadd ta' sistemi ġodda ta' kontroll tal-fruntiera, l-infrastruttura dalwaqt mhux ser tibqa' tippermetti fluss raġonevoli tat-traffiku.<br><br>Għalhekk, ir-Repubblika tas-Slovenja tappella lill-Kummissjoni Ewropea biex tipprovdi finanzjament addizzjonali biex isiru aġġustamenti adatti għall-infrastruttura, fid-dawl tar-restrizzjonijiet fuq il-finanzjament ta' investiment fl-infrastruttura fil-punti ta' qsim tal-fruntiera fuq il-fruntieri interni temporanji tal-UE, li huma inklużi fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020. Il-kontroll fil-fruntieri esterni huwa fl-interess komuni tal-Istati Membri kollha tal-UE, u bl-istabbiliment ta' sistema ta' Dħul/Ħruġ ir-Repubblika tas-Slovenja ma tistax tkun u mhux ser tkun responsabbli għal ebda estensjoni tal-perijodi ta' stennija fil-fruntieri esterni taż-żona Schengen u mhux ser tikkunsidraha bħala kwistjoni bilaterali li għandha tissolva bħala parti mir-relazzjonijiet mal-pajjiżi ġirien." |
| **Dikjarazzjoni mill-Kroazja**<br><br>Ir-Repubblika tal-Kroazja tappoġġa l-għan ta' dan ir-Regolament minħabba li dan għandu jikkontribwixxi għat-tisħiħ u ż-żamma ta' sitwazzjoni tas-sigurtà favorevoli fit-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea, li huwa prerekwiżit għal, fost l-oħrajn, il-kontroll aħjar u aktar operattiv tal-fruntieri esterni.<br><br>Dan l-għan għandu jitqies bħala l-ogħla interess taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja tqis li huwa inaċċettabbli li dan ir-Regolament, sa mill-bidu nett tal-applikazzjoni operattiva tiegħu, ma jkunx japplika fuq il-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea, biex b'hekk bla bżonn u mingħajr ebda bażi jonqos l-effett tiegħu. Għandu jkun enfasizzat li bid-dħul fis-seħħ ta' din il-Proposta għal Regolament, id-dispożizzjoni eżistenti tal-Artikolu 6(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (SBC) u d-dispożizzjonijiet eżistenti tat-Trattat tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja bħala parti integrali tal-acquis communautaire ser jiġu sospiżi temporanjament. Ir-Repubblika tal-Kroazja tixtieq tiġbed l-attenzjoni li, taħt it-titolu stess tal-Proposta għal Regolament, il-Kummissjoni Ewropea pprevediet l-implimentazzjoni tar-Regolament preċiżament fuq il-fruntieri esterni tal-Unjoni u b'hekk it-trattament ugwali tal-Istati Membri kollha.<br><br>Li r-Regolament ma jiġix applikat b'mod ugwali għall-membri sħaħ ta' Schengen u għal dawk li waslu biex isiru membri sħaħ, inkluż ir-Repubblika tal-Kroazja, irendi l-għan ta' dan ir-Regolament sekondarju, u minbarra li jhedded is-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea u l-ġlieda effiċjenti kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja, jibgħat ukoll messaġġ negattiv lill-pubbliku Ewropew inġenerali.<br><br>Mill-aspett operazzjonali, li dan ir-Regolament ma jiġix applikat b'mod ugwali ikun ifisser li, minħabba n-nuqqas ta' aċċess għall-VIS permezz tal-EES, ikun impossibbli li jiġi rreġistrat it-tul tas-soġġorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fuq soġġorn qasir fl-UE, u għalhekk impossibbli li tiġi verifikata l-validità ta' viża ta' Schengen. Billi r-Repubblika tal-Kroazja tirrikonoxxi din il-viża bħala ekwivalenti għal viżi Kroati, u minħabba n-nuqqas ta' aċċess tagħha għall-VIS permezz tal-EES, hija tista' tippermetti d-dħul fit-territorju tal-Istat tagħha lil detentur ta' viża mhux valida li jkun qed jivvjaġġa lejn pajjiż taż-żona Schengen. Dan barra minn hekk iqajjem il-kwistjoni dwar l-Istat Membru li jkun responsabbli għall-ispejjeż tar-ritorn ta' tali persuni. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Barra minn hekk, in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-Repubblika tal-Kroazja jkun ifisser nuqqas ta' aċċess għal data operazzjonali oħra dwar persuni li jaqsmu l-fruntiera esterna tal-Unjoni Ewropea u l-fruntiera ta' Schengen ta' spiss, inkluż terroristi potenzjali u persuni suspettużi oħra f'termini ta' sigurtà.<br>Tali applikazzjoni mhux uniformi tista' tbiddel id-direzzjoni tal-moviment ta' persuni li huma ta' theddida għas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea lejn dawk il-fruntieri fejn din is-sistema ma tiġix applikata. Fir-rigward tar-Repubblika tal-Kroazja, dan ikun ifisser bidla ta' direzzjoni għal madwar 1350 km mill-fruntiera esterna tal-Unjoni Ewropea, b'kont meħud ukoll tal-pajjiżi terzi fejn hemm it-tendenza ta' aktar intolleranza, radikaliżmu u estremiżmu vjolenti, imrawma wkoll mill-fenomenu tal-ġellieda terroristi barranin li jirritornaw minn żoni ta' gwerra lejn pajjiżhom, li wkoll iżid ir-riskju ta' terroriżmu għar-Repubblika tal-Kroazja.<br>Barra minn hekk, l-applikazzjoni mhux ugwali ta' dan ir-Regolament ikollha wkoll implikazzjonijiet serji għall-fluss tat-traffiku transfruntier billi minbarra l-verifiki sistematiċi li ġew introdotti, aktar ħin ikun meħtieġ għall-ipproċessar manwali minflok dak awtomatizzat tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, u b'hekk tiddgħajjef l-adegwatezza tat-tfassil tal-profili ta' sigurtà tal-passiġġieri mill-gwardji tal-fruntiera.<br>B'kont meħud ta' dan kollu li ngħad hawn fuq, bħala Stat Membru bi fruntiera esterna twila, ir-Repubblika tal-Kroazja hija interessata immens li ssib mod biex dan ir-Regolament jiġi applikat fuq il-fruntieri esterni kollha tal-Unjoni Ewropea sa mill-adozzjoni tiegħu, u b'hekk jiġi ottimizzat l-għan proprju tar-Regolament. | | | |
| Regolament (UE) 2017/2401 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u għad-ditti ta' investiment<br>ĠU L 347, 28.12.2017, p. 1-34 | 38/17 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012<br>ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35-80 | 39/17 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**

Ir-Renju Unit jappoġġa l-adozzjoni tal-qafas Ewropew għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata. Ir-Renju Unit iqis li l-Artikolu 34(2) tar-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni fih obbligi relatati mal-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni ta' data bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Titolu V tal-Parti III tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, fir-rigward ta' dawn id-dispożizzjonijiet, ir-Renju Unit iqis li japplika l-Protokoll (Nru 21) għat-Trattati.

**Dikjarazzjoni mil-Latvja**

Ir-Repubblika tal-Latvja tiġbed l-attenzjoni għall-użu tat-terminu legali 'veic uzņēmējdarbību' użat fil-verżjoni bil-lingwa Latvjana tar-Regolament. Dan it-terminu jintuża biex jiddeskrivi l-post ta' stabbiliment tal-entità li twettaq titolizzazzjonijiet. Fl-istess waqt it-terminu 'veic uzņēmējdarbību' jfisser 'twettaq attività ta' intraprenditorija/ta' negozju'.

Konsegwentement, tali traduzzjoni tat-terminu hija sostanzjalment differenti mit-tifsira legali tat-terminu 'to be established' użat fil-verżjoni Ingliża u verżjonijiet lingwistiċi oħra tar-Regolament, u mhijiex preċiża fid-determinazzjoni tal-post ta' reġistrazzjoni għall-entitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament imsemmi (b'mod partikolari l-Premessa 35, l-Artikolu 4, l-Artikoli 5.1.a-d., l-Artikolu 6.1., l-Artikolu 6.4., l-Artikolu 10.2., l-Artikoli 11.1. u 11.2., l-Artikolu 18, l-Artikolu 27.3, l-Artikolu 29.4., l-Artikolu 40.3). Dan jista' jxekkel serjament l-applikazzjoni korretta tal-prattiki regolatorji li huma bbażati fuq is-suppożizzjoni tal-post ta' stabbiliment ta' entità partikolari.

Ir-Repubblika tal-Latvja tinnota li t-terminu 'to be established' f'kuntest analogu jidher fl-Artikolu 49 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fejn qed jiġi tradott għal-Latvjan bħala 'izveidot'. It-terminu rispettiv 'izveidot' jew l-eqreb sinonimu tiegħu 'dibināt' intuża wkoll fil-verżjoni bil-lingwa Latvjana inizjali tal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għar-Regolament ippubblikata fl-1 ta' Ottubru 2015 (12601/15). L-użu inkonsistenti jew mhux korrett tat-terminu legali ta' tali importanza sostantiva jwassal għal ambigwità legali u fost l-oħrajn joħloq ir-riskju li jkun hemm tfixkil fil-parelleliżmu legali fost il-verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament u d-Direttiva 2009/65/KE.

Ir-Repubblika tal-Latvja beħsiebha tibda l-proċedura ta' rettifika fir-rigward tar-Regolament sabiex jiġi żgurat l-użu konsistenti u korrett tat-terminoloġija.

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2182 tal-20 ta' Novembru 2017 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli<br>ĠU L 309, 24.11.2017, p. 1-2 | 13390/17 |
| Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar preferenzi kummerċjali addizzjonali għal prodotti agrikoli | 13471/17 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini tas-sigurtà ċibernetika b'saħħitha għall-UE | 14435/17 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2171 tal-20 ta' Novembru 2017 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inklużi l-limitu massimu għall-2019, l-ammont annwali għall-2018, l-ewwel ħlas parzjali għall-2018 u previżjoni indikattiva u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2020 u 2021<br>ĠU L 306, 22.11.2017, p. 21-23 | 13588/17 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diġitali għall-Iżvilupp (D4D) | 14542/17 |

**Proċedura bil-miktub konkluża fis-27 ta' Novembru 2017**

| ATTI LEĠISLATTIVI | | | |
|---|---|---|---|
| ATT | DOKUMENT | REGOLA TAL-VOT | VOTI |
| Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2017 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017<br>ĠU C 404, 29.11.2017, p. 1-1 | 14273/17 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| **It-3580 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETTITIVITÀ (SUQ INTERN, INDUSTRIJA, RIĊERKA U SPAZJU)), li saret fi Brussell fit-30 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2017** | | | |
|---|---|---|---|
| ATTI LEĠISLATTIVI | | | |
| ATT | DOKUMENT | REGOLA TAL-VOT | VOTI |
| Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 | 14587/17 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur; minbarra:<br>Astensjoni: UK |
| Ir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (Test b'relevanza ŻEE)<br>ĠU L 345, 27.12.2017, p. 1-26 | 41/17 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur; minbarra:<br>Kontra: SE<br>Astensjoni: AT |

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt imwaqqaf permezz tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu fir-rigward tal-proposti għal emendi għal dik il-Konvenzjoni | 13644/17 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li jeħtieġ li tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt imwaqqaf permezz tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 fuq is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ f'merkanzija rigward il-proposti għall-emendi għal dik il-Konvenzjoni | 13646/17 |

| | |
|---|---|
| Konklużjonijiet tal-Kunsill tar-Rapport Speċjali Nru 12/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bl-isem "Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb: titjib fil-kwalità tal-ilma u fl-aċċess għalih fil-Bulgarija, fl-Ungerija u fir-Rumanija, iżda l-ħtiġijiet ta' investiment għadhom sostanzjali" | 15131/17 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2242 tat-30 ta' Novembru 2017 li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati għall-emendar tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992<br>ĠU L 322, 7.12.2017, p. 29-30 | 14282/17 |
| Deċiżjoni (UE) 2018/8 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà għall-finanzjament ta' miżuri baġitarji immedjati biex jiġu indirizzati it-theddidiet kontinwi tal-migrazzjoni, tad-dħul tar-refuġjati u tas-sigurtà<br>ĠU L 3, 6.1.2018, p. 5-6 | 14588/17 |
| Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea sabiex jipprovdi għall-pagament tal-avvanzi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-2018 | 14589/17 |
| Deċiżjoni (UE) 2018/9 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/344 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġini ta' Kontinġenza fl-2017<br>ĠU L 3, 6.1.2018, p. 7-8 | 14669/17 |
| Deċiżjoni (UE) 2018/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni mill-Greċja - EGF/2017/003 GR/Attica retail<br>ĠU L 3, 6.1.2018, p. 1-2 | 14057/17 |
| Deċiżjoni (UE) 2018/7 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-12 ta' Diċembru 2016 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni mill-Finlandja - EGF/2017/005 FI/RETAIL)<br>ĠU L 3, 6.1.2018, p. 3-4 | 14058/17 |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Istati tal-CARIFORUM għal ftehim dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi abbażi tal-Artikolu 145 tal-Ftehim tal-CARIFORUM | 14072/17 + ADD 1 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2261 tat-30 ta' Novembru 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Ministerjali Konġunt u fil-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni stabbiliti permezz tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kanada, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Ministerjali Konġunt, u t-Termini ta' Referenza tal-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni u s-sottokumitati 2017<br>ĠU L 324, 8.12.2017, p. 41-49 | 14334/17 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2214 tat-30 ta' Novembru 2017 li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/512/PESK rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna<br>ĠU L 316, 1.12.2017, p. 20-21 | 14430/17 |
| Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2212 tat-30 ta' Novembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna<br>ĠU L 316, 1.12.2017, p. 15-16 | 14432/17 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Strateġija mġedda għall-Politika Industrijali tal-UE" | 15223/17 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-"Evalwazzjoni ta' Nofs it-terminu tal-Programm Copernicus" | 15299/17 |

| | |
|---|---|
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Mill-Evalwazzjoni Interim ta' Orizzont 2020 lejn id-disa' Programm Qafas" | 15320/17 |

**Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kroazja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u Spanja, bl-appoġġ tal-Italja u l-Litwanja**

Kif spjegat fid-dokument tal-pożizzjoni konġunta tagħna dwar 'Regoli armonizzati biex tingħata spinta lill-kompetittività globali tal-Unjoni Ewropea permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni', l-esperjenza fl-oqfsa finanzjarji pluriennali attwali turi li s-sinerġiji u l-koerenza effikaċi għall-attivitajiet ta' finanzjament ta' R&I, fil-prattika għadhom imxekkla mid-diversi loġiki ta' intervent u r-regoli tal-iskemi differenti ta' finanzjament, u mir-rekwiżiti legali addizzjonali, b'mod partikolari r-regoli tal-Għajnuna mill-Istat. Huwa essenzjali li jitneħħew id-diskrepanzi bejn il-programmi tal-UE sabiex is-sinerġiji potenzjali jsiru operazzjonali u biex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-finanzjament Ewropew għar-R&I. Il-perspettiva finanzjarja li jmiss tipprovdi opportunità unika biex dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati. Fl-ispirtu ta' Regolamentazzjoni Aħjar, ir-regoli armonizzati jenħtieġ li jiġu ddisinjati mill-bidu nett sabiex jinkiseb l-aqwa impatt.

Għalhekk, nistiednu lill-Kummissjoni tistabbilixxi l-koordinazzjoni interna meħtieġa tas-servizzi rilevanti biex tipproponi qafas rivedut u tistabbilixxi mekkaniżmi xierqa biex tiddiskutih mal-Istati Membri matul il-fażi ta' tħejjija tal-perijodu ta' programmazzjoni li jmiss wara l-2020. Dan il-qafas rivedut jenħtieġ li jinkludi mill-inqas il-miżuri li ġejjin:

1. Kwalunkwe programm jew proġett R&I magħżul permezz ta' kompetizzjoni miftuħa u trasparenti għall-UE kollha jenħtieġ li jkun eżentat mir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, irrispettivament mis-sors ta' finanzjament tiegħu (FP9, jew alternattivi bħall-FSIE, jew fondi nazzjonali jew reġjonali);

2. Jenħtieġ li l-istess japplika għal proġetti R&I inklużi fil-programmi operazzjonali tal-FSIE;

3. L-awtoritajiet reġjonali u nazzjonali jenħtieġ li jkunu intitolati li jużaw l-istrumenti finanzjarji tal-FSIE u dawk nazzjonali biex jikkofinanzjaw sħubiji fl-R&I u biex jikkofinanzjaw infrastrutturi tar-riċerka, inkluż in-nefqa operazzjonali tagħhom, b'mod partikolari l-ispejjeż tal-persunal;

4. Ir-regoli ta' implimentazzjoni għall-attivitajiet R&I, inkluż id-definizzjonijiet tal-ispejjeż eliġibbli u l-proċeduri ta' kontroll u ta' awditjar, jenħtieġ li jiġu armonizzati ma' dawk tal-Programm Qafas meta jiġu kofinanzjati minn fondi oħra tal-UE (b'mod partikolari l-FSIE);

5. Filwaqt li jittieħed kont li l-attivitajiet R&I jvarjaw bil-kbir minn attivitajiet ta' produzzjoni, ir-regoli tal-UE dwar l-Għajnuna mill-Istat jenħtieġ li jiġu ssimplifikati u jsiru aktar favorevoli għall-innovazzjoni. Id-dokument ta' pożizzjoni msemmi hawn fuq jindika għadd ta' linji ta' azzjoni għal din ir-riforma tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat.

**Dikjarazzjoni Konġunta mil-Litwanja, mill-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u l-Ungerija, bl-appoġġ tal-Latvja, l-Italja u s-Slovakkja**

Huwa importanti għalina li jkollna diskussjoni kostruttiva, speċjalment f'dan l-istadju tal-ħidma tagħna dwar il-konklużjonijiet tal-Kunsill. Mill-perspettiva tagħna, it-test li ġie abbozzat ma fihx impenn u miżuri suffiċjenti li jistgħu jgħinu biex jiġi żgurat titjib sinifikanti tas-sitwazzjoni fil-pajjiżi tal-adeżjoni. Id-data eżistenti turi biss li anke jekk il-firxa tal-parteċipazzjoni kienet indirizzata minn miżuri speċifiċi u ġiet rikonoxxuta bħala kwistjoni trasversali, iż-żieda żgħira tal-parteċipazzjoni tal-pajjiżi tal-UE-13 hija 'l bogħod mill-ambizzjoni li jinkisbu RŻI Ewropej eċċellenti. Hemm probabbiltà kbira li jekk il-politika attwali tkompli, din mhux ser iġġib magħha l-bidliet li aħna lkoll qed nistennew u żgur mhux ser tqarribna lejn il-kisba ta' dawk l-għanijiet.

Hemm ħtieġa urġenti għal analiżi aktar profonda li tuża l-prattiki tajbin eżistenti miġbura fi kwistjonijiet trasversali bħal dawk marbuta mal-ugwaljanza bejn is-sessi jew l-SMEs sabiex jiġu identifikati miżuri ta' rimedju għall-Programm Qafas li jmiss. Azzjonijiet adegwati flimkien ma' riformi nazzjonali u livell ogħla ta' investimenti fil-livell nazzjonali għandhom ikun l-aħjar riċetta biex tiżdied il-parteċipazzjoni.

Ninsabu lesti biex nidħlu fi djalogu kostruttiv mal-kollegi tagħna u l-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni.